MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Numru. 121/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Virginja Grima**

Numru: 121/2011

Illum 10 ta' Dicembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Virginja Grima**, bint Joseph Portelli u Mary Assunta neé Azzopardi, imwielda Nadur, fit-3 ta' Frar 1950, residenti fil-fond numru 31, Triq il-Madonna Ta' Lourdes, Nadur, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 23950(G), akkuzata talli nhar it-08 ta' Awwissu 2009, ghall-habta tal-ghaxra nieqes ghoxrin ta' filghaxija (21:40hrs) gewwa Triq Ghajn Qasab, Nadur, Ghawdex:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament kkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosa Grima;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBL 998 b'manjiera traskurata u perikoluza.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 188) datata 11 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2014 (*a fol.* 191), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Decembru 2013, u f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat il-*Proces Verbal* numru 31/2009 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 123 *et seq.*).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 222), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza (*a fol.* 223 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed **Dr. Joseph Rapa** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn qal fit-8 ta' Awwissu 2009 ezamina lil Rosa Grima u qal li kellha xi frattura fil-minkeb tal-lemin u xi fratturi fil-kustilji. Jghid li Grima giet certifikata li kellha griehi ta' natura gravi u giet certifikata wkoll li kienet fil-periklu tal-mewt. Ezebixxa c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JR" (*a fol.* 19).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 1040 John Grima** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn qal li acceda fuq il-post tal-incident in kwistjoni fejn sab li l-vettura bin-numru ta' registazzjoni CBL 998 go ghalqa vojta, liema ghalqa kienet xi 24 metru l-isfel mill-arbu tad-dawl. Jghid li fil-vettura kien hemm zewg nisa u li wara xi hin gie nfurmat li wahda minnhom, cioé Rosa Grima, kienet fil-periklu tal-mewt.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **PS 1233 John Attard** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn qal li rrizulta li l-vettura li kien fiha l-imputata u passiggiera kienet nizla n-nizla, kisret ghan-naha tal-lemin, dahlet gol-ghelieqi bil-qasab u inqalbet u regghet giet f'postha. Ezebixxa l-okkorrenza mhejjija minnu, li giet immarkata bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 24 *et seq.*).[1]

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 (*a fol.* 194 *et seq.*), jghid li fejn sehh l-incident hemm nizla wieqfa mserrpa.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012, xehed **Saviour Farrugia** (rapprezentant *Transport Malta* – a *fol.* 35) fejn ezebixxa *log book* tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 998 li ssejjah lill-imputata u kif ukoll *screen shot* ta' meta thallset il-licenzja, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "SF 1" u "SF 2" (*a fol.* 36 u 37).

[1] Dan huwa l-istess rapport bhal Dok. "A" (*a fol.* 12 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012, xehed **Dr. Joseph Vella** (*a fol.* 53 *et seq.*) fejn qal li kien ezamina lill-imputata li kellha xi griehi.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Joseph Farrugia** (in rapprezanza tal-iSptar Generali ta' Ghawdex – *a fol.* 80 *et seq.*) fejn xehed fuq dak li soffriet Rosa Grima mill-*file* mediku taghha fl-iSptar. Jaqra min notamenti tal-*file* fejn hemm is-segwenti: *"she was discharged from the neurohabilitation unit on the twenty-ninth (29th) April two thousand and ten (2010). Prior to discharge she was able to walk with aid and discharged home for further physiotherapy on out-patients' basis"* (*a fol.* 83). Jghid li ghalih, minn dak li qara, il-griehi sofferti mill-parti leza Grima kienu gravi. Lil Grima huwa qatt ma raha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-ahhar notamenti li hemm fil-*file mediku* tal-parti leza huma dak tas-17 ta' Awwissu 2010.

Illi, f'seduta mizmuma fis-26 ta' Novembru 2013, liema seduta nzammet mill-Assistant Gudizzjarju Dr. Aaron Attard Hili li gie nominat fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 101), xehdet **Rosa Grima** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-incident kienet passiggiera fuq quddiem fil-vettura misjuqa mill-imputata u kienu sejrin ir-Ramla. Tghid: *"konna sejrin ir-Ramla u Virginia bhal infixlet hekk, u bi dritt ic-cimiterju ghidtilha "induru 'l fuq?", qaltli: "le", u l-karrozza mbaghad nzilna gas down u tefeghtha fuq in-naha taghha, fuq il-lemin"* (*a fol.* 107). Tghid li minn got-triq qabzlu ghal gol-ghalqa u spiccat bi griehi u spiccat fil-*wheelchair*. Tghid li ghamlulha operazzjoni fl-i*spinal cord*. Tghid li mhijiex f'pozizzjoni li timxi normali u la tista' titla' u anqas tinzel turgien. Tghid li thallset mis-socjeta' assikuratrici tal-imputata.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-imputata hija habiba taghha u li l-imputata gie li nfixlet fis-sewqan u li minkejja dan hi xorta kienet titla' fil-vettura mal-imputata. Tghid li dakinhar tal-akkadut l-imputata ghafset il-gass flok il-brejk u rat lill-imputata anzjuza pero tghid li ma tafx x'kellha. Tghid li qabel sehh l-incident fl-ebda hin ma waqfu fin-nizla. Tichad li fil-mument li bdew nezlin bi *speed* l-imputata qaltilha li l-brejkijiet ma kienux qeghdin jahdmu. Tghid li l-imputata rnexxielha twaqqaf il-vettura bil-brejk u waqfu fejn ic-cimiterju u wara regghu bdew nezlin in-nizla biex imorru r-Ramla. Tghid li f'dan il-hin nizlu *gas down*. Tghid li l-imputata fl-ebda hin ma qaltilha li ma setghetx tikkontrolla l-vettura. Tghid li x'hin kienu nezlin bi *speed*, l-imputata qaltilha li jkun ahjar jintefghu fuq il-lemin biex tevita li tibqa' nizla in-nizla kollha u jsibu xi vettura faccata taghhom.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014, xehed [in kontro-ezami] is-**Sur Joe Zammit** (*a fol.* 192 *et seq.*) fejn qal li fejn sehh l-incident hemm nizla wieqfa hafna u li l-vettura kienet qabzet kurvatura li hemm fit-triq, qabdet il-bankina u marret ghal isfel gol-wied qalb il-qasab. Jghid li fit-triq ma kien hemm l-ebda impronti la ta' brejkmarks u anqas ta' skid marks. Jixhed li t-triq kienet xotta u li bl-incident il-

magna tal-vettura garrbet hsara kbira u meta acceda fuq il-post din ma setghax ihaddimha. Jghid li f'kaz li vettura tieqaf ghal xi raguni, is-sistema tal-brejkijiet taghha ma jibqghux jahdmu normali. Jghid li bil-magna tahdem, il-brejkijiet ikunu jistghu jahdmu ahjar.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, xehdet l-imputata **Virginja Grima** (*a fol.* 198 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut kienet qed issuq il-vettura taghha sejra r-Ramla flimkien mal-habiba taghha Rosa Grima li kienet passiggiera. Tghid li hekk kif kienu nezlin in-nizla, Grima qaltilha biex jieqfu ftit halli jaraw id-dawl tal-festa taz-Zebbug, waqfu u wara ftit iddecidew li jibqghu sejrin fejn kienu sejrin u ghaldaqstant starjat il-magna tal-vettura, nizlet il-handbrejk, regghu bdew mexjin, halliet sieqha fuq il-brejk peress li l-vettura kienet ghan-nizla u malli mxiet ftit irrealizzat li ma kellhiex brejkijiet. Tghid li l-brejk baqa' nizel sa isfel u hija zgur li ghafset il-brejk. Tghid li hasset il-htiega li taghfas il-brejk peress illi l-vettura bdiet tirranka wahidha. Tghid li Rosa Grima bdiet tghidilha biex twaqqaf pero ma setghetx u, meta waslu fil-parti tan-nizla fejn hija wieqfa hafna u ma setghetx twaqqaf, iddecidiet li tikser peress li hasbet li kien ser ikun aktar *safe* peress li riedet tevita li tkun tiela' xi vettura mid-direzzjoni opposta u jsir incident. Tixhed li kisret l-i*steering* ghal gol-hajt peress li hasbet li dan kien ser iservi ta' protezzjoni u waqfu gol-hajt. Tghid li kisret idha u sofriet xi griehi ohra. Tixhed li l-vettura taghha tehodha regolari ghas-*service* kull sitt xhur. Ezebiet dokument immarkat bhala Dok. "VG 1" (*a fol.* 209) li juri li l-ahhar *service* li giet moghtija l-vettura taghha kien f'Jannar 2009. Ezebiet ukoll dokument li gie mmarkat bhala Dok. "SG 1" (*a fol.* 210 *et seq.*), liema dokument juri l-kundizzjoni tal-vettura taghha. Tghid li ilha ssuq mis-sena 2003.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-vettura kienet ilha ghandha mis-sena 2007. Tghid li qatt ma kellha problema biha. Tikkonferma li wara li waqfet biex jaraw id-dawl tal-festa taz-Zebbug, starjat il-magna peress li meta waqfu kienet tfietha.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2014, xehed **Philip Zammit** (*a fol.* 217 *et seq.*) fejn beda billi qal li kien jahdem bhala perit tekniku u *motor surveyor*. Ikkonferma l-kontenut kollu tar-rapport mhejji minnu li gie mmarkat bhala Dok. "SG 1" (*a fol.* 210 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rapport redatt mis-Sur Joseph Zammit fil-*Proces Verbal* numru 31/2009 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 123 *et seq.*), is-Sur Zammit wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet, fost l-ohrajn:

> *"7. Illi mill-ezamijiet teknici kollha li l-esponent ghamel fuq din il-vettura dwar dan l-incident ma nstabet l-ebda hsara fuq il-vettura li sehhet qabel l-incident u li setghet kienet il-kawza ta' dan l-incident"* (*a fol.* 149).

> *"13. Illi t-triq fejn sehh l-incident din it-triq m'ghandha ebda mixghela (street lights)"* (*a fol.* 151).

> *"16. Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh minhabba telf ta' kontroll tal-vettura da parti tax-xufiera li m'gharfitx tikkontrolla lill-vettura, ghalkemm is-sistemi kollha ta' din il-vettura nstabu anke wara l-access, funzjonati specjalment is-sistema tal-brakes u tal-isteering"* (*a fol.* 151).

*Da parte* tieghu, Philip Zammit ezamina l-vettura tal-imputata fid-9 ta' April 2010 u fir-rapport redatt minnu (Dok. "SG 1" – *a fol.* 210 *et seq.*) kiteb is-segwenti:

> *"The braking system was inspected by first checking up the hydraulic oil level in the brake fluid reservoir. This was found to be at the maximum level. […] All handbrake linkages seemed fine with the handbrake lever fitted firmly in place. From this examination, the braking system of this vehicle seemed to be in good condition throughout and had no defects whatsoever. [...] From all this I am of the opinion that going down the steep hill where the accident happened, the brakes did fail. These failed for the fact that for some unknown reason the engine stalled. With the driver not conscious of this, she emptied the accumulated air in the brake servo unit by the pumping action of the brake pedal with the result that the same pedal got so hard and lost all the power brake efficiency. It could have been very difficult for a well built male to stop the accelerating mode of this vehicle, let alone Virginia who with her best qualities was not in a position to do so. In this way I would say that the vehicle's brake efficiency was not more than 10% at the time of the accident. From Virginia's point of view it was very good thinking that she stopped her vehicle the way she did, for the vehicle could have accelerated more downhill and things could have been worse"* (*a fol.* 215 u 216).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab akkuzata li kkagunata feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rosa Grima u hija akkuzata wkoll li saqet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBL 998 b'manjiera traskurata u perikoluza.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza jekk is-sewqan tal-imputata kienx wiehed li jista' jigi kkunsidrat bhala traskurat jew perikoluz, il-Qorti ser l-ewwel tikkunsidra dak li gie sollevat mid-difiza li tqajjem id-difiza tal-*casus* u targumenta li dak li wassal ghall-incident in kwistjoni kien il-waqfien tal-magna tal-vettura misjuqa mill-imputata liema waqfien eventwalment wassal sabiex l-imputata jkollha telfien tal-kontroll tal-vettura (*a fol.* 224). Il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Caruana** moghtija fit-3 ta' April 2003 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. James Abela** [11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew *"circumstantial evidence"* li joholqu certi *"presumptions of fact"* kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.
>
> Illi gie ukoll ritenut li *"ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll"* [App. Krim. **Pulizija vs. Neville John Psaila**; 20.3.2003].
>
> Illi, kif intqal, fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-*"casus"* kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li: *"F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" sic et simpliciter, imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla*

> *ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali"*. [**Il-Pulizija vs. Carmel Cachia** – Vol. XXXVII, iv. p.920]".

Illi, fil-kaz odjern, id-difiza mhijiex qed tghid li kien hemm skidjar involut pero qed tghid li l-magna tal-vettura tal-imputata ntfiet bil-konsegwenza li gara li gara.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Rosa Grima (*a fol.* 106 *et seq.*) tispjega kif kienu sejrin lejn ir-Ramla u li l-imputata nfixlet u li hekk kif hi (Grima) qaltilha jekk idurux il-fuq, l-imputata wegbitha fin-negattiv u l-vettura bdiet nizla l-isfel. Tghid ukoll li l-imputata gie li nfixlet fis-sewqan taghha u li dakinhar tal-akkadut l-imputata ghafset il-gass flok il-brejk. Grima tghid li dakinhar tal-incident rat lill-imputata anzjuza pero ma tafx ghala. Grima tichad li qabel sehh l-incident waqfu fin-nizla u tichad ukoll li l-imputata qaltilha li l-brejkijiet ma kienux qeghdin jahdmu. Tghid li l-imputata rnexxielha twaqqaf il-vettura bil-brejk u waqfu fejn ic-cimiterju u wara regghu bdew nezlin in-nizla biex imorru r-Ramla. Tghid li f'dan il-hin nizlu *gas down*. Tghid li l-imputata fl-ebda hin ma qaltilha li ma setghetx tikkontrolla l-vettura.

- Jirrizulta li l-incident sehh fejn hemm nizla wieqfa hafna. Ma rrizultaw ebda brejkmarks jew skidmarks fejn sehh l-incident.

- Skond l-imputata (*a fol.* 198 *et seq.*) wara li giet startjata l-magna tal-vettura, nizlet il-handbrejk u regghu bdew mexjin, wara ftit irrealizat li ma kellhiex brejkijiet.

- Philip Zammit (*a fol.* 217 *et seq.*) ikkonferma r-rapport redatt minnu (Dok. "SG 1" – *a fol.* 210 *et seq.*). Huwa jispjega x'kienet, skond hu, ir-raguni li wasslet ghall-incident *de quo*.

- Fir-rapport tieghu, is-Sur Joseph Zammit (*a fol.* 135 *et seq.*) jasal ghas-segwenti konkluzjoni, fost l-ohrajn: *"16. Illi fil-fehma tal-esponent dan l-incident sehh minhabba telf ta' kontroll tal-vettura da parti tax-xufiera li m'gharfitx tikkontrolla lill-vettura, ghalkemm is-sistemi kollha ta' din il-vettura nstabu anke wara l-access, funzjonati specjalment is-sistema tal-brakes u tal-isteering"* (*a fol.* 151).

Illi kull sewwieq hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu u jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'. Minn dak kollu li nghad hawn fuq u minn dak li semghet il-Qorti, il-Qorti hija tal-umli fehma li l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputata ma tispjegax li dak li gara sar bla ebda tort taghha. Mill-provi indizzjarji l-Qorti hija tal-fehma li dak li gara gara minhabba li l-imputata ghafset il-*gas* flok il-brejk. Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra l-incident bhala wiehed ta' *casus* kif tpingieh id-difiza.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*
>
> U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:
>
> *"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree'*

> *(App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])"".*

Illi b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha. Dan kollu qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li b'dak li ghamlet l-imputata spicca sehh l-incident in kwistjoni bil-konsegwenza li gara li gara. Il-Qorti ma tirravizax fis-sewqan tal-imputata dak il-grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan perikoluz. Apparti minn hekk, jirrizulta wkoll li, in segwitu tas-sewqan tal-imputata, gew kagunati griehi gravi fuq il-persuna ta' Rosa Grima[2]. Jirrizulta li saret operazzjoni fl-i*spinal cord* ta' Rosa Grima u li spiccat go *wheelchair* peress li mhijiex f'pozizzjoni li timxi normali[3]. Jirrizulta li Grima la tista' titla' u anqas tinzel turgien.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser ssib lill-imputata hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tat-tieni (2) imputazzjoni pero fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputata ser tinsab hatja biss li kienet qed issuq b'manjiera traskurata.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilha u li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' tali imputazzjonijiet, il-fedina penali tal-imputata (Dok. "FT 1" – *a fol.* 33) (li hija wahda kompletament nadifa), l-eta' tal-imputata, dak li wassal ghall-incident sfortunat *de quo*, u kif ukoll il-fatt li fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 31) saret dikjarazzjoni fis-sens li Rosa Grima kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata.

---

2 *Vide* xiehda moghtija minn: (a) Dr. Joseph Rapa (*a fol.* 17 *et seq.*), (b) Dr. Joseph Vella (*a fol.* 53 *et seq.*); Dr. Joseph Farrugia (*a fol.* 80 *et seq.*); Rosa Grima (*a fol.* 106 *et seq.*). *Vide* wkoll certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "JR" (*a fol.* 19).
3 *Vide* certifikat mediku datat 1 ta' Awwissu 2013 (*a fol.* 96).

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta’ Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> “Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta’ prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta’ offizi involontarji f’incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta’ tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita’ ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga’ jaqa’ u jikkommetti xi tip ta’ delitt bhas-serq, drogi , frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b’karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga’ jirripeti.
>
> *In oltre* il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta’ incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f’kaz ta’ sewqan traskurat jew f’ kaz ta’ ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa”.

Illi, tenut kont ta’ dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta’ multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha (u cioé dik li tirrigwarda sewqan b’manjiera perikoluza) u b’hekk tilliberaha minn din il-parti tat-tieni imputazzjoni, wara li rat in-Nota ta’ Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 11 ta’ Dicembru 2013 u senjatament Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata Virginja Grima hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tal-ewwel (1) parti tat-tieni (2) imputazzjoni (u cioé dik li tirrigwarda sewqan b’manjiera traskurata) migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha multa komplessiva ta’ seba’ mitt Euro (€700.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputata ghal zmien hmistax il-gurnata li jibdew jghoddu minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada filghodu.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata Virginja Grima sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum thallas is-somma komplessiva ta' tlitt mija u tmienja u tmenin Euro u disgha u sebghin centezmu (€388.79) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz.[4]

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] €372.49 *a fol.* 168 *tergo* u €16.30 *a fol.* 191 *tergo*.